# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

April 2024

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u **nitolbu biex kull kultura tagħraf id-dinjità u l-valur kbir tan-nisa ħalli tintemm id-diskriminazzjoni li dawn iġarrbu f'diversi partijiet tad-dinja.**

**Ninġabar:**



Insib post kwiet u nħares lejn l-istampa tal-erba' nisa minn kulturi differenti li qegħdin jitbissmu. Nipprova nimmaġina l-okkażjoni u għaliex qed jitbissmu. Żgur li qed jieħdu gost flimkien. Naħseb fuq ir-rispett u l-lealtà li hemm bejniethom.

**Fatt ċkejken:**




**The God of Small Things** huwa rumanz dwar it-tbatija fis-soċjetà u, fost diversi affarijiet, jirrakkonta ħafna dwar xi aspetti tad-diskriminazzjoni bejn ir-raġel u l-mara. Dawn jidhru l-aktar fir-relazzjoni bejn iż-żewġ personaġġi Velutha, ir-raġel, u Ammu, il-mara. It-tnejn, kemm Ammu kif ukoll Velutha, jiġu mwarrba għall-azzjonijiet tagħhom u jbatu fis-skiet - Velutha jiġi kkastigat għaliex huwa persuna *untouchable* (mill-klassi l-aktar baxxa fis-sistema tal-kasta Indjana), waqt li Ammu tiġi kkastigata u mibgħuta 'l bogħod mill-familja tagħha talli kellha relazzjoni barra ż-żwieġ ma' persuna *untouchable*. Issa, l-eks raġel ta' Ammu kien ipprova jipproponiha għas-sess mal-kap tiegħu sabiex ma jitlifx ix-xogħol tiegħu. U meta Ammu ma qgħaditx għalih, dan ħassu "skomdu u rrabjat minħabba s-silenzju tagħha... resaq lejha, qabadha minn xagħarha, taha daqqa ta' ponn u mbagħad ħalliha tmur." (p. 41-42).

Billi The God of Small Things huwa rumanz dwar it-tbatija, jirrakkonta diversi aspetti tas-sofferenza tan-nisa. Fil-fatt, barra s-skiet sfurzat ta' Ammu u l-mistħija li ġarrbet minħabba d-dettalji tar-relazzjoni tagħha ma' Velutha, ir-rumanz isemmi wkoll lil Mammachi u juri kemm din batiet taħt idejn Pappachi, żewġha abbużiv. Fil-ktieb jissemmew eżempji oħra ta' karattri nisa u kif ikollhom joqogħdu ta' bilfors għal dak li jridu l-irġiel tagħhom. F'dan ir-rumanz, l-irġiel u n-nisa mhumiex indaqs; anzi l-irġiel iqisu u jittrattaw lin-nisa bħala oġġett inferjuri għalihom.

**Naħseb ftit:**

Qatt rajt nisa jbatu għax ġejjin minn kultura differenti minn tiegħi? Kif nittratta nies ta' kulturi differenti? Konvint li bħali u bħal kulħadd, huma wkoll maħluqin xbieha ta' Alla?

**Nitlob:**

Alla Missier, agħmel li nagħraf kemm hu għaqli li nilqa' f'qalbi lil kulħadd, kemm dawk li ġejjin mill-kultura tiegħi, kif ukoll l-oħrajn kollha. Għinni nħares f'għajnejhom u naraw lilek fihom. Agħmel li naċċetta li int wassalthom sa għandi biex nitgħallem nikber fl-imħabba lejk u lejn il-ħolqien kollu tiegħek.

**Kliem ta' dawl:**

Fejn issaltan l-imħabba, jista' jintlaħaq l-impossibbli. *Qawl Indjan*

**X'nista' nagħmel:**

Jiena u miexi fit-triq nagħraf kif nista' nsellem jew nitbissem lil kull min jgħaddi minn dik l-istess triq... huma min huma, speċjalment dawk minn kultura differenti minn tiegħi.